MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Numru 1055/2004

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Emanuel Mizzi, iben Manfred,
Imwieled Bormla, fit-13 ta'
Ġunju, 1969

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fl-1 ta' diċembru, 2004 għal ħabta tal-11.00 a.m. mill-ħanut bl-isem 'Opera Jewellery' sitwat fi Triq Repubblika, il-Belt, Valletta kkometta serq ta' kwantita ta' oġġetti tad-deheb għad-dannu ta' David Reginiano minn tas-Sliema, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000);
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' David Reginiano,

liema ħsara tammonta għal iżjed minn għaxar liri maltin (Lm10) iżda ma tiskorriex il-ħamsin lira maltin (Lm50);
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-28 ta' frar, 2006 fejn l-Avukat Ġenerali, wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat, iddikjara li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
Fl-artikoli 261(b)(ċ), 262, 263, 264, 265, 266, 270, 279(b), 280, 289, 325(a), 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' april, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' april, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkżi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ), 262, 263, 264, 265, 266, 270, 279(b), 280, 289, 325(a), 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-oġġetti kollha ġew ritornati lil sidien. Għalhekk tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------